MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 544/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

Illi l-esponenti u l-intimat zzewwgu fis-sebgha (7) ta’ Mejju tal-elf disa` mija u tmienja u tmenin (1988) (Dok. A), ilhom isseparati *de facto* ghal iktar minn erba` (4) snin u permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino tat-tnejn (2) ta’ Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010) huma ssesparaw legalment (Dok. B) ;

Illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni legali tal-partijiet gie stabbilit illi huma ddekadew definittivament mid-dritt illi

jippercexxu manteniment fir-rigward ta' xulxin (klawsola 2 tal-kuntratt) ;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal ;

Illi ma hemmx ebda prospett ragonevoli ta 'rikonciljazzjoni bejnithom ;

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha imposti mill-ligi ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Gunju, 2010, izda ilhom de facto separate ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, illi minn dan

iz-zwieg ma twieldux tfal u illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet il-partijiet kienu reciprokament iddekadew mid-dritt illi jippercepixxu manteniment fir-rigward ta’ xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------